NCPE

PREPARE THE GROUND FOR
ECONOMIC INDEPENDENCE

# Paga Ugwali
għal
# Xogħol ta' Valur Indaqs

BEJN
NISA U RĠIEL FI FTEHIM
TA' NEGOZJAR KOLLETTIV

# Ħlas Indaqs

## 1. X'inhu ħlas indaqs?

- Nisa u rġiel li jagħmlu l-istess xogħol jew xogħol b'valur indaqs għandhom jirċievu paga ugwali.
- Ħlas mhux indaqs huwa riżultat ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta.
- Id-dritt għal ħlas indaqs ilu rikonoxxut mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol sa mill-1919.
- Il-Konvenzjoni għall-Ħlas Indaqs tal-1951 (C100) tenfasizza l-importanza ta' ħlas indaqs għal xogħol ta' valur indaqs.
- F'Mal ta, ħlas indaqs huwa obligatorju bil-liġi permezz tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali tal-2002 (Kapitlu 452, Taqsima IV).
- Permezz tal-ftehim kollettiv, it-trejdunjins għandhom rwol importanti biex jiżguraw ħlas indaqs.

## 2. Il-kunċett ta' ħlas:

- Minbarra s-salarju bażiku, il-ħlas jinkludi wkoll:
    i. ħlas supplimentari għas-sahra;
    ii. bonusijiet speċjali;
    iii. faċilitajiet għall-ivvjaġġar;
    iv. korsijiet ta' taħriġ;
    v. ħlasijiet għat-terminazzjoni tal-impjieg.

## 3. Paga ugwali għal xogħol ta' valur indaqs

> **Paga ugwali għal xogħol ta' valur indaqs tfisser li nisa u rġiel bl-istess kwalifika jitħallsu indaqs meta huma jagħmlu l-istess jew kważi l-istess xogħol taħt kundizzjonijiet ekwivalenti.**
> *(ILO, 2013)*

- Paga mhux indaqs għall-istess xogħol hija meqjusa bħala forma ta' diskriminazzjoni diretta.
- Diskriminazzjoni diretta sseħħ meta:
    i. is-sess ikun kriterju speċifiku li fuqu tinħadem il-paga.
    **Eżempju:** Kok mara li tħejji l-ikel għad-diretturi tirċievi paga inqas minn kok raġel li jħejji l-kolazzjoni, l-ikla ta' nofsinhar u t-te għall-impjegati (UK EHCR, 2019);
    ii. l-istess xogħol iġorr titoli differenti, skont is-sess ta' min ikun impjegat. (Table 1)

**Table 1**

| Titolu ta' xogħol ta' raġel | Titolu ta' xogħol ta' mara |
|---|---|
| *Assistant Manager* | Assistenta tal-*Manager* |
| *Chef* | Kok |
| *Technician* | *Operator* |
| *Flight Attendant* | *Stewardess* |

*Source: ILO, 2013*

## 4. Paga ugwali għal xogħol ta' valur indaqs

> **Meta nisa u rġiel jagħmlu xogħol li fil-kontenut tiegħu jkun differenti, li jinvolvi responsabbiltajiet differenti, jirrikjedi ħiliet jew kwalifiki differenti, u jkun magħmul taħt kundizzjonijiet differenti, imma bejn wieħed u ieħor ikun tal-istess valur, huma għandhom jirċievu paga ndaqs.**
> *(ILO, 2013)*

- Valur indaqs jista' japplika għal xogħol magħmul minn nisa u rġiel:
  i. li jsir taħt kundizzjonijiet differenti;
  ii. li jirrikjedi kwalifiki jew ħiliet differenti;
  iii. li jirrikjedi livelli differenti ta' sforz;
  iv. li jinvolvi responsabbiltajiet differenti;
  v. li jseħħ f'postijiet jew intrapriżi differenti jew ma' impjegaturi differenti.
- Fost l-impjiegi li ġew meqjusa bħala ndaqs fil-valur hemm (Table 2):

**Table 2**

| | | |
|---|---|---|
| **L-Aktar Nisa** | *Caterers* u *cleaners* **ma'** ġardinara u xufiera | **L-Aktar Rġiel** |
| | Librara **ma'** dawk li jiġbru l-iskart | |
| | *Social affairs managers* **ma'** inġiniera | |
| | *Flight attendants* **ma'** bdoti u mekkaniks | |

*Source: ILO, 2013*

## Negozjar Kollettiv

### 5. Tħejjija għan-negozjar

- **Żviluppa strateġija għal ekwità fil-pagi**
  Strateġija għal ekwità fil-pagi tirreferi għal pjan ta' azzjoni fit-tul maħsub biex jikseb paga ndaqs. Dan hu żviluppat billi:
  i. tħares lejn l-esperjenzi u r-riżorsi ta' organizazzjonijiet oħra;
  ii. immirar – tiżgura li messaġġ korrett ikun qed jasal lil min għandu jasal;
  iii. l-għażla taż-żmien – ikollok sekwenza ta' azzjonijiet li jibnu fuq xulxin;
  iv. riżorsi – tiżgura li għandek ir-riżorsi umani, materjali u finanzjarji meħtieġa.
- **Qajjem kuxjenza fost il-membri dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ugwaljanza:**
  i. Qassam materjal, bħal fuljetti u *newsletters*.
  ii. Organizza laqgħat dwar pagi ndaqs.
- **Ibni alleanzi u involvi komunità usa':**
  i. Ibni alleanzi ma' gruppi oħra, bħall-gruppi li jaħdmu favur drittijiet umani jew gruppi li jaħdmu favur id-drittijiet tal-mara.
  ii. Organizza attivitajiet għal 'Jum għall-Paga Ndaqs' biex tikkomunika t-talbiet tal-unjin dwar pagi ndaqs, opportunitajiet indaqs u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali.
  iii. Ippromwovi l-paga ndaqs permezz ta' attivitajiet bħal stqarrijiet għall-istampa u intervisti fuq il-media.
- **Kun af kif jaħsbuha l-impjegati silenzjużi:**
  i. Qassam kwestjonarji lill-impjegati kollha fuq il-post tax-xogħol b'mistoqsijiet intiżi li jgħinuhom joħorġu l-fehmiet tagħhom dwar paga ndaqs fuq il-post tax-xogħol tagħhom.
- **Iġbor informazzjoni**
  i. Wettaq verifiki dwar pagi ndaqs.
  ii. Wettaq evalwazzjonijiet dwar l-impjieg.

### 6. L-isfidi

- It-trejdunjins jiffaċċjaw diversi sfidi meta jkunu qed jinnegozjaw għal pagi ndaqs.
- L-isfidi ewlenin iffaċċjati mit-trejdunjins meta jkunu qed jinnegozjaw għal pagi ndaqs huma:
  i. nuqqas ta' trasparenza u nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni dwar

statistika maqsuma skont is-sessi;

ii. meta jiġu biex jagħmlu evalwazzjonijiet dwar inklużività fl-impjiegi;

iii. nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fit-trejdunjins;

iv. il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni f'livelli differenti ta' politika;

v. meta jiġu biex iqajmu kuxjenza dwar u jindirizzaw il-kawżi sottostanti tad-differenzi fil-pagi;

vi. meta jiġu biex ipoġġu l-kwistjoni tal-parità fil-pagi fuq l-aġenda ta' entitajiet speċjalizzati fl-ugwaljanza jew fid-diversità;

vii. meta jiġu biex jiżguraw l-irwol effettiv tal-imsieħba soċjali, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-prinċipju tal-paga ndaqs għal xogħol b'valur indaqs.

*Sors: ILO ACTRAV,2019*



## Għodda tan-Negozjar

### 7. Verifiki dwar pagi ndaqs

> **Sistema trasparenti ta' pagi hija sistema li fiha l-impjegati jistgħu jifhmu mhux biss ir-rata ta' ħlas li jirċievu imma wkoll id-diversi komponenti li jiffurmaw il-pakkett tal-paga individwali. Sistema trasparenti ta' pagi tevita li jkun hemm inċertezza jew perċezzjoni ta' inġustizzja u tnaqqas l-possibbiltà li jsiru talbiet individwali.**
>
> *(UK EHCR, 2016)*

- It-trasparenza hija l-isfida ewlenija meta wieħed jiġi biex jindirizza pagi li ma jkunux indaqs, u hija meqjusa bħala waħda mill-aktar miżuri importanti biex tindirizza nuqqas ta' ugwaljanza fil-pagi.
- It-trasparenza hija importanti ħafna biex il-kontenut u l-iskop tan-negozjati u tal-ftehim kollettiv ikunu bbażati fuq informazzjoni korretta.
- It-twettiq ta' verifika dwar il-pagi hija l-aktar għodda effettiva biex tinġabar statistika dwar il-pagi u biex

tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-trasparenza.

- Biex tindirizza l-problema tat-trasparenza fil-pagi, fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea għamlet rakkomandazzjoni li pproponiet dan li ġej:
  i. L-impjegati għandhom jitħallew jitolbu informazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-paga li għandha tkun maqsuma skont is-sessi.
  ii. Kumpaniji ta' daqs medju b'iktar minn 50 impjegat għandhom jipproduċu rapporti regolari dwar il-paga medja skont is-sessi.
  iii. Kumpaniji kbar b'aktar minn 250 impjegat għandhom jagħmlu verifiki dwar il-pagi.
  iv. Kwistjonijiet dwar pagi ndaqs u verifiki dwar il-pagi għandhom ikunu inklużi fil-ftehim kollettiv.

- Bħala miżura biex tissalvagwardja t-trasparenza, f'Malta kull min iħaddem huwa obbligat li jipprovdi lill-impjegati b'payslip bid-dettalji rilevanti. (DIER, 2019)
- F'xi pajjiżi, bħall-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, il-verifiki dwar il-pagi u r-rapporti dwar id-dħul huma obbligatorji bil-liġi. B'riżultat ta' tali leġislazzjoni kien aktar faċli għat-trejdunjins biex jikkonkludu ftehim kollettiv ma' min iħaddem rigward pagi ndaqs.

## Ir-Rwol ta' Verifiki dwar il-Pagi

Verifiki dwar il-pagi jgħinu l-organizzazzjoni biex tiddetermina:

i. jekk impjegati rġiel u impjegati nisa humiex jagħmlu xogħol indaqs;
ii. jekk impjegati rġiel u impjegati nisa li qed jagħmlu xogħol indaqs humiex jirċievu paga u benefiċċji ndaqs, u jekk le, għaliex;
iii. jekk ir-raġunijiet għal xi differenzi fil-pagi tan-nisa u l-irġiel li qed jagħmlu xogħol indaqs humiex leġittimi;
iv. pjan ta' azzjoni biex jitneħħew kwalunkwe differenzi fil-pagi li ma jkunux skont il-liġi (Equal Pay Portal, 2019).

... **IMMA** l-verifiki dwar il-pagi jieħdu ħafna ħin u jiswew lil min iħaddem ħafna flus.

## Kif tikkonvinċi lil min iħaddem biex iwettaq verifiki dwar il-pagi

Ir-rappreżentanti tat-trejdunjins għandhom jippreżentaw argumenti b'saħħithom biex jikkonvinċu lil min iħaddem biex iwettaq verifiki dwar il-pagi.

Xi argumenti li r-rappreżentanti tat-trejdunjins jistgħu jippreżentaw lil min iħaddem jinkludu dawn:

i. Sistemi ta' pagi trasparenti jibagħtu messaġġ pożittiv dwar il-valuri u l-mod taloperat tal-kumpanija.
ii. Il-paga hija l-motivazzjoni ewlenija fuq il-post taxxogħol.
iii. Sistemi ta' paga li jkunu ġusti u trasparenti huma obbligu legali.
iv. F'każ li ma jiġix żgurat li l-pagi jkunu ġusti, jistgħu jqumu kwistjonijiet legali u ssir ħsara fir-reputazzjoni tal-kumpanija li taffettwa s-suċċess kummerċjali tagħha.

*Sors: UK EHRC, 2019*

**Klawsoli fil-Ftehim Kollettiv**

Meta jkun qiegħed jiġi ppreparat il-ftehim kollettiv, in-negozjaturi għandhom jikkunsidraw li jinkludu l-klawsoli li ġejjin fil-ftehim kollettiv biex jiżguraw trasparenza u pagi ġusti:

i. jitolbu lil min iħaddem iżomm statistiċi dwar il-livelli fil-pagi maqsumin skont is-sessi;
ii. jitolbu lil min iħaddem jaqsam l-istatistiċi li jkun ġabar mattrejdunjin;
iii. jitolbu li min iħaddem jissalvagwardja t-trasparenza mal-impjegati;
iv. titwaqqaf proċedura għassoluzzjoni tat-tilwim.

**ATTENZJONI!**... Xi drabi l-ftehim dwar il-konfidenzjalità tal-informazzjoni jintuża b'mod skorrett minn min iħaddem u jippruvaw jgħattu d-diskriminazzjoni billi jipprojbixxu lill-impjegati milli jiddiskutu is-salarju tagħhom mal-kollegi tagħhom.

## 8. Evalwazzjoni tax-Xogħol

**L-Evalwazzjoni tax-Xogħol hija l-aktar għodda effettiva biex telimina d-diskriminazzjoni fil-pagi, minħabba li dan il-proċess jagħmilha possibbli li xogħlijiet differenti jitqabblu bejniethom u hekk ikun jista' jiġi determinat f'liema post jinstab xi xogħol partikolari meta mqabbel ma' xogħlijiet oħra fuq l-iskala tal-pagi jew is-salarji.**

*(ILO, 2013)*

- L-Evalwazzjoni tax-Xogħol tikkunsidra dawk l-elementi li huma rikjesti biex ix-xogħol



isir fil-livell ta' effiċjenza mistenni u l-kundizzjonijiet li fihom jitwettaq ix-xogħol.

- L-Evalwazzjoni tax-Xogħol hija l-aktar għodda li tintuża mit-trejdunjins Ewropej biex jaslu għal x'inhu 'valur indaqs' u biex jikklassifikaw ix-xogħlijiet.
- Biex tkun tajba, l-Evalwazzjoni tax-Xogħol trid tkun:
  i. analitika;
  ii. preċiża u imparjzali;
  iii. inklużiva;
  iv. affidabbli (UK EHCR, 2019)
- Il-panel tal-evalwaturi tax-xogħol għandu jkun rappreżentattiv tal-ħaddiema kollha, kemm f'dak li jirrigwarda s-sess kif ukoll karatteristiċi oħra.

**Evalwazzjoni tax-Xogħol inklużiva**

Biex tkun inklużiva, l-Evalwazzjoni tax-Xogħol għandha tissodisfa dawn il-kriterji:

i. tkun analitika;
ii. tintuża biex jiġu evalwati l-karatteristiċi kollha tax-xogħol (eż. tagħrif, responsabbiltà) fi ħdan il-kumpanija kollha;
iii. inġenerali għandha tkun kapaċi tapplika diversi kriterji; il-karatteristiċi assoċjati man-nisa u l-irġiel għandhom jinstabu fiha b'mod ugwali (intelliġenza emozzjonali, saħħa fiżika);
iv. iż-żewġ gruppi ta' karatteristiċi għandhom jiksbu l-istess punteġġ;
v. il-valuri allokati mis-sistema għandhom ikunu

proporzjonati mal-isforz li hu rikjest biex jitwettaq ix-xogħol;

vi. tiġi applikata bl-istess mod madwar il-kumpanija kollha.

*Sors: Istitut Belġjan għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, 2010*

### Evalwazzjoni tax-Xogħol analitika

- Evalwazzjoni tax-Xogħol analitika tkun kapaċi taqsam ix-xogħol f'komponenti u talloka valur għal kull komponent.
- Evalwazzjoni tax-Xogħol analitika hija magħmula primarjament minn erba' komponenti.
- Skont l-ILO (2013), l-erba' komponenti huma:
  - i. ħiliet u kwalifiki;
  - ii. responsabbiltà għat-tagħmir, il-flus u l-persuni;
  - iii. l-isforz meħtieġ;
  - iv. il-kundizzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi tax-xogħol.
- Evalwazzjoni tax-Xogħol analitika tinvolvi numru ta' fażijiet.
- It-tmien fażijiet ta' Evalwazzjoni tax-Xogħol analitika huma:
  - i. ikun stabbilit u mħarreġ kumitat għall-evalwazzjoni tax-xogħol u ekwità fil-pagi;
  - ii. jintagħżlu x-xogħlijiet biex jiġu evalwati u kkomparati;
  - iii. jintagħżel il-metodu;
  - iv. assenjament ta' valur għal kull fattur;
  - v. ġbir ta' informazzjoni relatata max-xogħol;
  - vi. eżami tar-riżultati;
  - vii. ikun stabbilit valur għax-xogħlijiet;
  - viii. analiżi u aġġustament tal-valur li jkun irriżulta.

*Sors: ILO, 2013*

## Wara n-Negozjar

### 9. *Follow-up*

- Importanti li t-trejdunjins jagħmlu monitoraġġ kontinwu biex jiżguraw li l-ftehim kollettiv ikun qed jiġi onorat.
- Azzjonijiet li jgħinu lit-trejdunjin biex tiżgura li l-ftehim kollettiv qed ikun onorat huma:
  - i. Pubblikazzjoni tal-ftehim kollettiv, li jkun jinkludi wkoll sommarju tal-punti ewlenin. Diversi trejdunjins Ewropej jippubblikaw kull ftehim kollettiv li jkunu nnegozjaw fuq il-paġna tal-membri fuq il-websajt biex ikunu jistgħu jiġu aċċessati.
  - ii. Informazzjoni mogħtija lill-membri dwar metodi

xierqa kif jittrattaw tilwim filwaqt li jassiguraw il-konfidenzjalità.

iii. Ġbir ta' statistiċi fuq bażi regolari dwar reklutaġġ, promozzjonijiet, tkeċċija, livelli tas-salarji u programmi ta' taħriġ.

*Sors: ILO, 2001*

## Għodda għal Pagi Ndaqs F'pajjiżi tal-UE

### 10. Il-Logib Tool

- Il-'Logib Tool' ġiet żviluppata mill-Uffiċċju Federali għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fl-Iżvizzera.
- Din l-għodda tuża kalkulatur tal-paga li bih wieħed jista' jiċċekkja hu stess jekk kumpanija tkunx qed timplimenta paga ndaqs għal xogħol b'valur indaqs fuq il-post tax-xogħol.
- Din l-għodda hija addattata għal kumpaniji li jħaddmu 50 impjegat jew aktar.

### 11. Il-'Logib-D Tool'

- Il-'Logib-D Tool' ġiet żviluppata fil-Ġermanja. Kienet ġiet influwenzata mil-'Logib Tool'.
- Din l-għodda tidentifika fatturi li jiddeterminaw id-differenza bejn is-salarji tan-nisa u dawk tal-irġiel, minkejja li l-karatteristiċi tal-impjiegi tagħhom ikunu l-istess.

### 12. Pay Wizard

- Din l-għodda ġiet żviluppata fl-Olanda fl-2016, u hija disponibbli f'70 pajjiż.
- Din l-għodda tippermetti l-impjegati jikkomparaw is-salarju tagħhom mas-salarju ta' impjegati oħra li jkunu qed jagħmlu xogħol simili.
- Il-'Pay Wizard' hija disponibbli wkoll f'Malta u tista' tiġi aċċessata hawn: **https://paywizard.org/salary/calculator#/**

## Ir-Rappreżentanza tan-Nisa fit-Trejdunjins

### 13. Rappreżentanza baxxa tan-nisa fit-trejdunjins

- Madwar id-dinja kollha, 30% biss min-negozjaturi tat-trejdunjins huma nisa (ILO ACTRAV, 2019)
- Ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fit-trejdunjins huma:
  i. l-isterjotipar negattiv kontra l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-unjins;
  ii. nisa li jżommu ruħhom lura minħabba nuqqas ta' ħin u minħabba ostilità

mill-kollegi maskili taghhom;

iii. nuqqas ta' kunfidenza biex ifittxu rwoli ta' tmexxija;

iv. nisa li jħossuhom skuraġġuti minħabba l-kultura storikament 'maskili' tal-unjins;

v. nisa b'nuqqas ta' tagħrif dwar l-istrutturi tal-unjin u kif jistgħu jidħlu f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

*Sors: Pillinger, 2010*

## 14. Inkuraġġiment għal rappreżentanza tan-nisa fit-trejdunjins

- In-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fit-trejdunjins jista' jkun sfida għat-trejdunjins waqt in-negozjati kollettivi.
- It-trejdunjins għandhom jagħmlu kulma jistgħu biex jinkuraġġixxu parteċipazzjoni akbar min-nisa fit-trejdunjins tagħhom.
- Livell ogħla ta' rappreżentanza tan-nisa fit-trejdunjins jista' jintlaħaq permezz ta':

  i. linji gwida ċari (politika ta' ugwaljanza) dwar imġiba inaċċettabbli fil-unjin – dawn ma jħallux li membri femminili jkollhom jiffaċċjaw sessiżmu (bħal ċajt u sterjotipar sesswali) fil-unjin;

  ii. kumitat tan-nisa fil-unjin – diversi trejdunjins ħolqu dan, u nstab li kien strumentali biex ikun żgurat li n-nisa jkunu involuti aktar f'pożizzjonijiet fil-unjin fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet;

  iii. introduzzjoni ta' gender quotas / siġġijiet addizzjonali għan-nisa biex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tan-nisa fuq il-kumitat tal-unjin. F'xi pajjiżi Ewropej dan l-approċċ kien effettiv. **Eżempju**: Fil-Belġju, terz mill-kumitat tal-unjin iridu jkunu nisa; l-introduzzjoni ta' kwota bħal din kienet effettiva biex kabbret ir-rappreżentanza tan-nisa fit-trejdunjins.



Gattard House, National Road
Blata l-Bajda HMR 9010 - Malta

✆ +356 2295 7850 ✉ equality@gov.mt

www.ncpe.gov.mt

PREPARE THE GROUND FOR
ECONOMIC INDEPENDENCE

**Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020**
Project part-financed by the European Unjin
Co-financing rate: 80% EU funds; 20% National Funds